**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 741/97

Emma Farrugia

vs

Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru

Illum 18 ta' April, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettiet illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1987 u l-1995 hija sofriet ingustizzja f'li giet meqjusa bhala haddiema irregolari, u giet downgraded minn Clerk ghall-General Hand.

Illi l-fatti kienu fil-qosor kif gej:

Hija bdiet tahdem mal-NTOM fis-16 ta' Frar 1987 bhala Clerk. Kif f'Mejju 1987 inbidel il-Gvern, hija giet meqjusa bhala haddiema irregolari. Fis-6 ta' Jannar 1988 giet mibghuta "on loan" mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili.

Fl-1 ta' Jannar 1992 hija regghet giet rikonoxxuta bhala impjegata regolari izda barra li tellfuha hames snin servizz hija giet downgraded ghal General Hand. Hija xorta wahda baqghet taghmel ix-xoghol ta' Clerk izda bil-grad ta' General Hand. Hija mhux talli kienet taghmel xoghol ta' Clerk izda gieli ghamlet xoghol 'il fuq hafna minn dak imsemmi. Irid jinghad illi hija dejjem ghamlet xogholha tajjeb u s-superjuri taghha kienu kuntenti bix-xoghol li hija kienet taghmel.

Ir-rikorrenti kienet bi hsiebha ggib, biex issostni l-ilment taghha, lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti kienet bi hsiebha ggib prova dwarhom bix-xhieda taghha.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti talbet lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi tinghata lura l-grad ta' Clerk bis-sehh minn 1 ta' Jannar 1992, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li tithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi li huwa xieraq it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Permanent Secretary fl-Ufficcju tal-Prim Ministru li eccepixxa illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li hi sofriet ingustizzja meta giet meqjusa bhala haddiema irregolari u giet downgraded minn Clerk ghal General Hand mhijiex korretta.

Il-fatti kif jirrizulta mir-records tal-Management and Personnel Office, huma s-segwenti:

1. Ir-rikorrenti kienet giet impjegata b'mod irregolari qabel id-9 ta' Mejju 1987 kif jirrizulta minn korrespondenza li ghaddiet bejn dan l-Ufficcju, l-ETC u d-Dipartiment tax-Xoghol (Dok A).

2. Il-pozizzjoni taghha giet regolarizzata b'effett mill-1 ta' Jannar 1992 meta, flimkien ma ohrajn li bhalha kien impjegati irregolarment, tpoggiet fi Group A, u fl-1 ta' Jannar 1994 giet assimilata fil-grad ta' General Hand fuq Skala ta Salarju 19 (Dok B).

3. Hadet il-hatra ta' Clerk b'effett mill-14 ta' Marzu 1995 wara li ghaddiet minn ezami pubbliku (Dok C).

Illi ghar-ragunijiet fuq esposti, l-intimat talab lil dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrenti.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti pprezentat affidavit fejn semmiet li bdiet tahdem mal-NTOM fis-16 ta’ Frar 1987. Kif inbidel il-Gvern fil-1987 giet mibghuta ‘on loan” mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili mis-6 ta’ Jannar 1988. Skond il-policy tal-Gvern tal-gurnata giet meqjusa bhala irregolari. Ghall-Gvern tal-gurnata giet rikonoxxuta bhala regolari billi appuntawha Group A fl-1 ta’ Jannar 1992. U ghalhekk giet michuda mill-grad propju taghha dak ta’ Clerk. Hi xorta baqghet taghmel ix-xoghol ta’ Clerk li huwa x-xoghol proprju taghha b’ efficjenza u thabrik.

In kontro ezami r-rikorrenti qalet li dahlet fi Frar 1987 mal-NTOM. Applikazzjonijiet ma kienx hemm dak iz-zmien. Ikkonfermat li wara certu perjodu meta kien tbiddel il-Gvern, kienu msejha bhala haddiema irregolari. Ix-xoghol li kienet taghmel kien ta` natura klerikali. Qalet li wara t-tibdil tal-Gvern, f` Jannar tal-1988 kienu waddbuha on loan mad-Dipartiment tas-Civil Aviation. Saru regolari fl-1994 pero` b` effett mill-1/1/92. Lilha ghamluha labourer pero` dejjem ghamlet xoghol ta` natura klerikali. Ma kienx mis-Civil Aviation li ttiehdet id-decizjoni izda kienet harget ordni minn Kastilja li dawk li huma irregolari ghandhom jitqiesu bhala General Hand. Fil-fatt hi b` ebda mod ma

kienet kostretta li taghmel ix-xoghol klerikali ghax setghet taghmel ta` general hand pero` kien ikun aktar umiljanti milli diga kien.

Salvu Fenech li kellu l-kariga ta' Direttur tas-Civil Aviation semma li xi ftit wara l-elezzjoni tal-1987 ir-rikorrenti Emma Farrugia kienet giet trasferita ghad-dipartiment tieghu. Lilu kienu qalulu li hi taghmel xoghol ta' skrivan u kien baghatha fis-section tal-personnel fejn appuntu kellu l-vacancy ta' skrivan. Din mill-ewwel drat ix-xoghol, kienet tahdem tajjeb u qatt ma kellu ilmenti fuqha, anqas mill-kap tas-sezzjoni taghha.

Hemmhekk dejjem xoghol ta' skrivana ghamlet. Sussegwentement ghamlet l-ezami ghal-clerk 1 u kienet ghaddiet. Il-personnel tant kien f' idejha li meta l-head of section ma kienx ikun hemmhekk hi kienet tmexxi kollox. Dak li kellu x' jaqsam mal-personnel dejjem hi kienet tiehu hsiebu.

Paul Fenech Gonzi li kien il-head tal-perosnnel tad-Dipartiment tas-Civil Aviation xehed li kien il-kap tar-rikorrenti. Hi kienet taghmel ix-xoghol ta' clerk pero` kienet taghmel ix-xoghol kollu b' mod li meta ma kienx ikun hemmhekk kienet tmexxi hi.

**KONKLUZJONIJIET**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti dahlet tahdem fis-16 ta' Frar 1987 mal-NTOM bhala Clerk u wara giet trasferita ghal mad-Dipartiment tal-Avvjazzjoni Civili. Hi ma dahlitx mal-Gvern kif preskritt u giet dikjarata bhala haddiema rregolari. Spiccat fil-grad ta' General Hand ghalkemm kienet taghmel ix-xoghol ta' Clerk.

Fl-1994 il-posizzjoni taghha giet regolarizzata b'effett mill-1 ta' Jannar 1992.

It-Tribunal sejjer jikkwota mis-sentenza moghtija minnu fil-kawza fl-ismijiet Carmel McKay vs Chairman Bank Of Valletta deciza fit-30 ta' Gunju 1999 rikors numru 140/97 fejn qal:

"Illi ghalhekk irrizulta li l-impieg tar-rikorrent kien wiehed irregolari u dan kien anke konfermat hekk mill-Kumitat ta' Verifika f'liema kumitat kien hemm ir-rapprezentanti tal General Workers' Union. Intlahaq ftemim li ma kienx gie attakkat b'ebda mod mir-rikorrent. Skond dan il-ftehim l-impieg tar-rikorrent kellu jitqies bhala irregolari u casual. Ghalhekk it-trasferiment tieghu kien validu u regolari. Ir-rikorrent dejjem sostna li pero' fil-konfront tieghu kien hemm distinzjoni minhabba l-fatt li l-Bank kien zamm xi whud mill-haddiema u ma zammx ohrajn. Izda l-ufficjali tal-Bank spjegaw li dawk li inzammu kienu kategoriji differenti specjalment white collar workers, messaggiera, u maids. Ir-rikorrent ma pprova ebda distinzjoni indebita. Infatti skond l-artikolu 6 (1) ta' l-Att VIII tal-1997 "It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin…" Minn dan jirrizulta li

distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza trid tkun indebita u mhux xi wahda gustifikata bhal ma hu l-kaz in ezami.

Dwar diskriminazzjoni jinghad li hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva tratatment differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti – Ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fil-31 ta' Mejju, 1999 fl-ismijiet Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru. Ara wkoll "Law of the European Convention on Human Rights" - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u "Law and Practice of the European Convention on Human Rights" - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et]. Ara wkoll Vol LXXVII-I-127 u 136.

Bl-istess mod bhal fil-kaz tal-kawza ta' McKay vs Bank of Valletta r-rikorrent qieghed ibati mill-fatt li meta gie mdahhal fl-impjieg hu kien impjegat bhala haddiem irregolari. Hawn wiehed bil-fors ikollu jirreferi ghall-artikolu 110 (6) tal-Kostituzzjoni li jitkellem dwar dhul fl-impieg mal-Gvern. Dan jghid:

"Dhul f' impiegi ma' kull korp stabbilit bil-Kostituzzjoni jew b' xi ligi jew taht xi ligi ohra, u ma' kull socjeta` jew korp iehor li

fih il-Gvern ta' Malta, jew xi korp kif intqal qabel, ikollhom sehem bizzejjed biex jikkontrollaw jew li fuqu jkollhom kontroll effettiv, ghandu, kemm-il darba dak id-dhul ma jkunx sar wara ezami pubbliku li jkun gie avzat kif imiss, isir permezz tas-servizz ghall-impjegar kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu."

Ghalhekk id-dhul fl-impieg tar-rikorrenti sar bi ksur manifest tal-artiklu 110 subartiklu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-pozizzjoni tar-rikorrenti xejn ma kienet sabiha u nies bhalha kienu f' pozizzjoni kompletament fluwida. Ara f'dan is-sens ukoll Rikors Numru: 671/97 fl-ismijiet "Anthony Degiorgio vs Ministru tat-Turizmu u Mediterranean Conference Centre. Ir-rikorrenti trid tiftakar li hi ma dahlitx mal-Gvern kif suppost u ghalhekk ma tistax tippretendi drittijiet aktar milli suppost. Ghalhekk dan it-Tribunal ma ghandux setgha li jilqa' t-talba taghha u ghall-grad ta' Clerk minn qabel ma saret. F'dan is-sens, salv dak li sejjer jinghad hawn taht, it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Izda hawn wiehed irid iqis fattur iehor – dak li ir-rikorrenti kienet tahdem ta' Clerk u tithallas ta' labourer. Fil-kawza deciza minn dan it-Tribunal fl-ismijiet "Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni" deciza fit-2 ta' Novembru, 2000, rikors 128/97 gie deciz li impjegat li ghal zmien twil jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu u b'mod efficjenti ghandu dritt ghal kumpens finanzjarju. Mhux necessarjament jaghtih d-dritt ghall-promozzjoni. Ara wkoll Anthony Cachia vs Korporazzjoni Enemalta 6 ta' Dicembru, 2000. Fil-kaz in ezami ir-rikorrenti

kienet kunsidrata bhala haddiema tajba u efficjenti tant li poggewha tassisti lill-persuna in charge mill-personnel. Ghalhekk it-Tribunal jhoss li ghalkemm it-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha f'dak li jirrigwarda il-grad, xorta ghandu jorda kumpens finanzjarju fl-ammont ta' elfejn lira maltija [LM2000].

Ghalhekk peress li isib l-ilment tar-rikorrenti gustifikat f'dak li jirrigwarda kumpens, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000].

Spejjez kontra l-intimat.